MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Numru. 464/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
**Spettur Helga Debono**
**vs**
**Dionisio sive Dione Drago**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Dionisio sive Dione Drago, ta’ 34 sena, iben Marcello u Lucia nee’ Falzon, imwieled nhar is-26 ta’ Novembru 1966 Msida, residenti ‘Soleado’ Triq Sir Arthur Fremantle, San Pawl tat-Targa, Naxxar, detentur tal-karta ta’ l-identita 500766M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

U nakkuzawh talli nhar l-1 ta’ Awissu 2001 u fid-diversi xhur ta’ qabel, gewwa il-Belt Valletta, l-Marsa u bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti li saru fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn oblligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, ghad-dannu tal-Kontrollur tad-Dwana, il-Gvern ta' Malta, Quality Project Management Ltd, Pantheon Ship Supplies Ltd. u bosta persuni ohra, u dan bi ksur ta' Artikolu 183 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skittura falza ghad-dannu tal-Kontrollur tad-Dwana, il-Gvern ta' Malta, Quality Project Management Ltd, Pantheon Ship Supplies Ltd. u bosta persuni ohra, u dan bi ksur ta' Artikolu 184 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ghad-dannu tal-Kontrollur tad-Dwana, il-Gvern ta' Malta, Quality Project Management Ltd, Pantheon Ship Supplies Ltd u bosta persuni ohra, u dan bi ksur ta' Artikolu 188 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Ghamel falsifikazzjon ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, ghad-dannu tal-Kontrollur tad-Dwana, il-Gvern ta' Malta, Quality Project Management Ltd, Pantheon Ship Supplies Ltd. u bosta persuni ohra, u dan bi ksur ta' Artikolu 189 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fit-18 ta' Lulju 2001, u jew f'xi data qabel, sabiex jikseb xi vantagg u jew beneficcju ghalih innifsu u jew ghal haddiehor, meta bhala ix-shipper tal-Containers Numru TEXU 3655464 u BUTU 3507966, xjentement ghamel lill-agent f'Malta ta' sid il-vapur M/V Sirte Star, dikjarazzjoni u jew issottometta dokument u jew informazzjoni f'taghrif, li

b'xi mod kienu foloz f'dettal sostanzjali, fis-sens li l-kontenut ta' dawn il-containers ma kienx Construction Material kif dikjarat, imma sigaretti u chocolate wafers u liema dokument f'forma ta' Manifest tal-Hrug gie sussegwentament ikkonsenjat lill-Awtoritajiet tad-Dwana kif stipulat u mehtieg skond il-Ligi.

Dawn l-containers gew esportati bid-dokumenti tad-Dwana TSB 1946, TSB 1948, SAD 7079, 7080 fejn il-valur totali tal-kontenut taghhom kien jammonta ghal LM33112 u dazju xejn. Dan bi ksur tal-Artikolu 62(M) ta' l-ordinanza tad-Dwana Kap. 37, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta' Frar, 2002 (esebit *a folio* 17 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2002 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-23 ta' Gunju 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat kkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 183, 184, 188 u 189 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 62(m) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum u tikkundannah multa ta’ hames mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha u tletin ewro centezmi (€582.34) li terz minnha u cioe’ mija u erbgha u disghin ewro u hdax-il ewro centezmu (€194.11) huwa dovut bhala dejn civili lil Kontrollur tad-Dwana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------